

**Rikors ippreżentat fis-7 ta' Ġunju 2022 – PN vs Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea****(Kawża T-336/22)**

(2022/C 284/75)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrent:* PN (rappreżentant: D. Giabbani, avukat)*Konvenut:* Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tilqa' r-rikors preżenti fir-rigward tal-forma;
- fuq il-mertu, tiddikjarah ġustifikat u fondat;
- permezz ta' bidla tiddeċiedi li tinżamm l-evalwazzjoni fl-eżerċizzju għas-sena 2019, jiġifieri B f'Kompetenza, C f'Rendiment u B f'Imġieba fis-servizz;
- inkella tiddikjara n-nullità tal-evalwazzjoni tal-eżerċizzju għas-sena 2019.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-assenza ta' motivazzjoni adegwata tal-evalwazzjoni tar-rikorrent fir-rigward ta' kull parti ta' din l-evalwazzjoni.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur tal-ispirtu tat-test tal-Gwida tal-Evalwazzjoni u tal-għanijiet tagħha.

**Rikors ippreżentat fis-7 ta' Ġunju 2022 – Chocolates Lacasa Internacional vs EUIPO – Esquitino Madrid (Conguitos)****(Kawża T-339/22)**

(2022/C 284/76)

*Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol***Partijiet***Rikorrent:* Chocolates Lacasa Internacional, SA (Utebo, Spanja) (rappreżentanti: J.-B. Devaureix u J. Vicente Martínez, avukati)*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Mariano Esquitino Madrid (Elche, Spanja)**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO***Proprietarju tat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea "Conguitos" – Trade mark tal-Unjoni Nru 10 546 836*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' kanċellazzjoni*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-21 ta' Marzu 2022 fil-Każ R 601/2021-5

**Talbiet**

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla u tirrendi bla effett id-deċiżjoni kkontestata, filwaqt li tilqa' t-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità totali tat-trade mark tal-Unjoni Nru 10 546 836 Conguitos (figurattiva), għall-klassijiet 3, 14 u 18;
- tikkundanna lill-konvenut quddiem il-Bord tal-Appell u lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

- Ksur tal-Artikolu 53(1)(a), flimkien mal-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
- Ksur tal-Artikolu 53(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fit-8 ta' Ġunju 2022 – Etablissements Nicolas vs EUIPO – St. Nicolaus (NICOLAS)**

**(Kawża T-340/22)**

(2022/C 284/77)

Lingwa tar-rikors: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: Etablissements Nicolas (Thiais, Franza) (rappreżentant: T. de Haan, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: St. Nicolaus a.s. (Liptovský Mikuláš, is-Slovakkja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

Proprietarju tat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorreni quddiem il-Qorti Ġenerali

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: ir-reġistrazzjoni internazzjonali li tindika l-Unjoni Ewropea tat-trade mark figurattiva NICOLAS – ir-reġistrazzjoni internazzjonali li tindika l-Unjoni Ewropea Nru 1 228 435

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-28 ta' Marzu 2022 fil-Każ R 1780/2020-4

**Talbiet**

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO u lill-intervenjenti għall-ispejjeż, inklużi l-ispejjeż sosnuti mir-rikorreni matul il-proċedimenti quddiem ir-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju.

**Motiv invokat**

Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---